MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Numru. 505/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Chris Galea Scannura)**

**v**

**Saviour Fenech ta’ 40 sena imwieled Hal-Qormi**
**fid-29 ta’ April, 1962 bin Carmel u**
**Carmen xebba Bugeja imwieled Hal-Qormi**
**Residenti gewwa 116, Triq San Gorg, Qormi**
**detentur tal-karta tal-identita’ 264862 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Saviour Fenech li gie akkuzat talli fl-20 ta’ Gunju, 2002 ghall-habta tal-10.00 ta’ filghaxija volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobbli liema

hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma hija izjed minn hamsin lira Maltin u li saret fuq il-vettura numru LVY-017 tal-marka Izuzu ghad-dannu ta’ Joseph Agius;

Akkuzat ukoll talli ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persna ta’ PC 208 Brian Fenech u PS 585 Joseph Bayliss, persuni li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom skond il-ligi tas-servizz.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt likienqed jaghmel hsara lill-propjeta’ ta’ haddiehor kellu fil-pussess tieghu arma regolari,

U fl-ahhar akkuzat fl-istess cirkostanzi msemmija aktar il-fuq kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Genearli u cioe l-artikoli 325, 95, 388 (dd) tal-Kapitlu 9, l-artikoli  13, 19 tal-Kapitlu 66 taht liema tista’ tinstab htija.

Rat illi Saviour Fenech ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.
PS 585 Joseph Bayliss wiehed mill-pulizija li nizel jindaga fuq rapport likienhemmpersuna taghmel hsara lil armar tal-festa, jghid li hu flimkien ma’ siehbu PC 208 sabu lill-akkuzat fuq iz-zuntier tal-knisja b’mus f’idejh.

Jghid li PC 208 armat b’lembuba u beda javvicina lejn Fenech u jghidlu biex jitlaq il-mus u jieqaf.  Min-naha tieghu pero’ baqa’ javvicinah.  Kien hawn li x-xhud Bayliss mar minn warajh u tah daqqa fil-kozz ta’ ghonqu.  Jkompli li darba mmanettat l-akkuzat dahhluh fil-karozza tal-pulizija u hawn beda jaghti fil-karozza u jhabbat rasu fost hafna dagha u theddid.

Jikkonferma x-xhud li l-akkuzat kellu qasma f'rasu u ttiehed ghall-kura. Jikkonferma wkoll illi darba maqbud saret search fuq il-pesuna ta' l-akkuzat u mill-but tighu nstab il-mus.

Ikkonferma wkoll illi l-akkuzat matul l-incident kien fi stat ta' sakra kbira (a fol 12).

Min-naha teighu PC 208 Brian Fenech jikkonferma li kien hu li kien ikkonfronta lill-akkuzat dan meta l-akkuzat kien qed javvicinah bil-mus f'idejh. Ix-xhud jghid li hu kien qed jghidlu biex iqieghed is-sikkina ma' l-art. Ikkonferma li siehbu x-xhud precedenti tah daqqa minn wara u tefgha lill-akkuzat ma' l-art. Jghid li kif ra hekk u qieghed il-lembuba fil-but u mmanettjaw lill-akkuzat u qeghduh fil-karozza. Jikkonferma li kellu ferita f'rasu kif ukoll li kien fis-sakra.

Ufficjal tal-Pulizija iehor PS 1597 Alfred Chetcuti jirrakonta l-incident taz-zuntier u li l-akkuzat kien qed jaghmel hsara lil xi armar tal-festa. Rah bil-mus f'idejh. Jiddeskrivi l-incident gia riprodott. Senjalament jghid ukoll li meta l-akkuzat avvicina lil PC 208 kienu fil-vicinanzi ta'metru hdejn xulxin, qabel ma l-akkuzat gie mwaqqa'.

Dr Ramon Tonna kkonferma li Saviour Fenech kellu qasma fuq rasu u jghid li l-akkuzat lilu qallu li waqa'. Innega li lilu qallu li qalgha daqqa ta lembuba fuq rasu.

Joseph Agius xehed li hu kien rieqed go daru u sema' hoss ta' tank, ra fil-fatt lill-akkuzat iwaddab jew jizloqlu minn idejh tank lejn il-van tieghu bil-konsegwenza li fil-vettura ghamillu bi tmenin lira hsara.

Xehed minn jeddu l-akkuzat, spjega li hu kellu problema ta' xorb u kien ha d-debita kura. Jikkonferma likellu problema ta' xorb fi zmien ta' l-incident. Jikkonferma li hu qatt ma kellu mus f'idu u li qatt ma hareg dan il-mus mill-but.

Ikkonsidrat

Illi bla dubju ta' xejn l-akkuzat huwa hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu in kwantu kien hu li kkaguna hsara fuq il-vettura ta' Agius u ghal xi hin jidher li ngurja u hedded lill-Ufficjali tal-Pulizija. Pero' ma tqisx tali ngurji jew theddid bhala pruvati in kwantu l-uzu tal-mus in kwantu ghalkemm l-Ufficjali tal-Pulizija xehdu li raw din l-arma f'idejn l-akkuzat, dankein fatt negat minnu. Oltre dan ma tistax tifhem din il-Qorti s-segwenti sekwenza:

- Fenech kien bil-mus f'idejh meta kien qed javvanza lejn PC 208 Fenech
- Kif qala' daqqa minnPS 585 Bayliss, waqa' ma' l-art u storda. L-akkuzat gie immanettjat (enfazi tal-Qorti) u mqieghed gol-vettura tal-Pulizija.
- Il-mus kif anke xehdu ufficjali tal-Pulizija qatt ma nstab ma' l-art kif kien mistenni mal-waqgha ta' l-akkuzat, imma stranament fil-but tieghu. Allura din il-Qorti se jkollha temen jew li l-akkuzat qabel ma qalga d-daqqa qieghed il-mus fil-but (allura din il-verzjoni xxejjen hafna r-raguni ghala l-pulizija kellhom b'daqqa jmidduh ma' l-art), jew li l-akkuzat anke stordut u issa immanettjat qieghed u l-mus fil-but, jew qeghduh hu l-mus fil-but, jew qeghduh gol-but l-istess Ufficjal tal-Pulizija, jew li fil-verita' skond it-tezi ta' l-akkuzat qatt ma kellu mus f'idejh.

Illi in vista tal-pemess issibu hati biss tar-reati taht l-artikoli 325 u 98 tal-Kapitlu 9, tal-artiklu 19 tal-Kapitlu 66 u tar-reat taht l-artiklu 338(dd) tal-kapitlu 9. Certament qatt ma gie pruvat in-nuqqas ta' licenzja mahruga fil-konfront ta' Saviour Fenech.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ikkonsidrat il-problemi li bihom hu afflitt l-akkuzat, rat ukoll li l-akkuzat hallas id-danni kkagunati fuq il-vettura ta' Agius. Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal sena habs sospiza ghal sentejn u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-kapitlu 9.

Qeghda wkoll tqeghdu taht ordni ta' sorveljanza u dan ai termini ta' sena wara li rat l-artikolu 28G u qeghda tahtar ghal dan l-iskop lill-ufficjal tal-probation John Testa. B'dan illi Saviour Fenech ghal perjodu tal-ordni ta' Sorveljanza jobdi b'mod skrupoluz kull direttiva lilu

moghtija mill-Ufficjal Sorveljanti b'mod partikolari fejn si tratta jekk jihass il-bzonn li Saviour Fenech isegwi programm kontra l-vizzju tal-alkohol. Saviour Fenech huwa ghalhekk obbligat illi jattendi ghal kull laqgha ta' dan it-tip lilu sugerita jew ordnata u jissoggetta ruhu ghal kull test li jinhass necessarju biex jigi segwit l-andament tieghu f'din l-ordni ta' supervizjoni.

L-Ufficjal Sorveljanti ghandu jirraporta l-progress ta' Saviour Fenech bil-miktub lill-Qorti kull tmien gimghat.

Il-Qorti qeghda tispjega lil Saviour Fenech ir-responsabilitajiet tieghu taht ordni ta' supervizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------